**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 467/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**vs**

**Gianluca BORG**

**Illum, 25 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-4 ta' Diċembru 2023 fil-konfront ta' **Gianluca BORG**, iben Sandro u Simone nee` Attard, imwieled fl-20 ta' Settembru 1994 u residenti Ta' Klara, Triq ir-Ramla, Naxxar jew Orchid, Triq is-Slielem, Swieqi, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 416494(M), li ġie mixli talli:

Fis-27 ta' Ġunju 2022 għall-ħabta tat-08:30hrs fi Triq Żejni, Swieqi kantuniera ma' Triq iż-Żernieq, Swieqi, saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni CBG:

1 U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa, minħabba f'hekk Damian Schembri bata offiża gravi fuq il-persuna, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif iċċertifika Dr. Daniel Mizzi MD mill-MDH;

2 U aktar talli naqas milli jieqaf fejn hemm sinjal li jindika 'Stop'.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitx lill-imputat **Gianluca BORG** ħati tal-ebda waħda mill-imputazzjonijiet u lliberatu minn kull ħtija u piena.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "***tħassar*** *u* ***tirrevoka*** *s-sentenza appellata u minflok, issib lil Gianluca Borg ħati, u konsegwentement tinfliġġi piena skont il-liġi*".

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar is-27 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta tat-08:36hrs, il-Pulizija ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan ġew infurmati, permezz ta' telefonata, illi kien hemm ħabta bejn vettura u mutur fi Triq iż-Żejni, Swieqi. Għalhekk PS 1364 C. Vella mar fuq il-post, fejn sab mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni CCF 076 tal-għamla

Honda ta' lewn iswed u vettura tal-għamla Porsche bin-numru ta' reġistrazzjoni CBG. Fuq il-post, ittieħdet il-verżjoni tax-xufier tal-mutur, Damian Schembri (ID 252466(M)) u tax-xufier tal-vettura, Gianluca BORG, l-appellat odjern, u stante illi Schembri kien imweġġa', issejħet l-għajnuna medika u iżjed tard hekk kif waslet l-ambulanza, dan ittieħed ġewwa l-isptar Mater Dei, fejn ġie ċertifikat li kien qed isofri minn ġrieħi gravi. L-appellat ġie nfurmat illi kienu se jinħarġu akkużi fil-konfront tiegħu.[1] Sussegwentement, nhar is-26 ta' Ġunju 2023, l-appellat deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u kif ingħad, nhar l-4 ta' Diċembru 2023, ingħatat is-sentenza fil-konfront tiegħu, li permezz tagħha huwa ġie lliberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

5. Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u> kif miġjuba kontra tiegħu, l-appellat ġie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 328(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jgħid hekk:

> Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati -
>
> …
>
> (ċ) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69)

6. Illi dan ir-reat huwa għalhekk punibbli b'terminu ta' priġunerija għal żmien li ma jaqbiżx it-tliet xhur jew b'multa ta' mhux iktar minn €1,164.69, li jfisser illi dan huwa reat li jinkwadra ruħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan skont dak dispost fl-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali:

> 1) Huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati –

[1] Ara l-affidavit ta' PS 1364 C. Vella, a fol. 3 *et seq* tal-proċess.

(a) il-kontravvenzjonijiet kollha msemmijin f'dan il-Kodiċi;

(b) id-delitti msemmijin f'dan il-Kodiċi meta jaqgħu taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn biż-żieda jew mingħajrha tal-multa jew tal-interdizzjoni;

(c) ir-reati kollha ikkontemplati f'liġijiet oħra meta jaqgħu taħt il-pieni msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk il-liġi ma tkunx tiddisponi xort'oħra. (sottolinear tal-Qorti)

7. Illi l-Avukat Ġenerali m'għandux dritt ta' appell ġenerali f'kawżi ta' natura sommarja. Dan id-dritt tal-appell tal-Avukat Ġenerali, minn proċeduri li jitrattaw reati li jaqgħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa ċirkoskritt mid-dettami tal-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, liema dispożizzjoni taqra bil-mod segwenti:

(1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati –

...

(b) f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:

(i) l-qorti inferjuri taqta' li ma jkollha ebda ġurisdizzjoni li tittratta r-reat;

(ii) il-fatt li dwaru jkun instab ħati l-imputat jista' jinkorri piena li tkun teċċedi l-ġurisdizzjoni ta'dik il-qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali;

(iii) il-piena mogħtija mill-qorti inferjuri tkun, minħabba fix-xorta jew kwantità tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-parti misjuba ħatja tkun ingħatat sentenza;

(iv) l-imputat jew l-intimat jiġi liberat minħabba f'li –

*(i)* l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat,

*(ii)* l-azzjoni tiġi estinta,

*(iii)* ikun hemm sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni preċedenti

8. Jirriżulta illi l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa dwar l-apprezzament żbaljat tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u dan billi l-Avukat Ġenerali jillanja mill-konklużjoni tal-ewwel Qorti illi "*fl-akkuzi ma hemmx indikat sew n-numru tal-vettura li qed jinghad kien qed isuq l-imputat*". Minn ħarsa lejn ir-rikors tal-appell, jirriżulta mhux biss illi l-aggravju tal-Avukat Ġenerali ġie deskritt bit-titolu '*Apprezzament Żbaljat Tal-Provi*", iżda iżjed minn hekk, l-istess aggravju huwa espost b'tali mod li jindirizza biss u esklussivament l-apprezzament żbaljat tal-provi illi għamlet l-ewwel Qorti. Fil-fatt, fir-rikors tiegħu, l-Avukat Ġenerali jillanja dwar il-fatt illi mill-atti proċesswali jirriżulta b'mod ċar illi n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni – ossia CBG – kien fil-fatt l-istess numru ta' reġistrazzjoni illi ġie ndikat fiċ-ċitazzjoni odjerna, kuntrarjament għal dak li ġie deċiż mill-ewwel Qorti. Fil-fatt, skont l-Avukat Ġenerali, li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni kien CBG, jirriżulta mir-ritratti tal-istess vettura esebiti in atti, mill-affidavit ta' PS 1364 C. Vella, kif ukoll mir-rapport tal-Pulizija tas-27 ta' Ġunju 2022. Għalhekk, skont l-Avukat Ġenerali, l-ewwel Qorti ma setgħetx tikkonkludi illi n-numru ta' reġistrazzjoni ndikat fiċ-ċitazzjoni odjerna, mhux indikat sew. L-Avukat Ġenerali għandu raġun f'din l-osservazzjoni tiegħu. Madankollu, kif ingħad, huwa jillimita l-aggravju tiegħu purament għall-apprezzament żbaljat tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti, u mkien ma jillanja dwar l-apprezzament żbaljat tad-dritt li setgħet għamlet l-istess Qorti b'riżultat ta' din il-konklużjoni żbaljata tagħha, b'dan għalhekk illi l-aggravju kif espost mill-Avukat Ġenerali, ma jagħtihx jedd tal-appell fit-termini tal-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ċitat.

9. Illi għaldaqstant, din il-Qorti qegħda tiddikjara l-appell tal-Avukat Ġenerali bħala irritu u null in kwantu dik il-parti tal-istess appell li

permezz tiegħu, l-Avukat Ġenerali qed jattakka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali illi tillibera lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

10. Illi t-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellat hija bbażata fuq dak prevvist fir-Regolamenti dwar Liċenzji għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur, ossia l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, liema regolamenti huma magħmula bis-saħħa tal-leġislazzjoni prinċipali u ċioe` l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, in kwantu l-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 63 tal-istess Kap. 65, li jipprovdi hekk:

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dejjem il-jedd li jappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull deċizjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati dwar proċedimenti li jinqalgħu mid-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

11. Illi dan ifisser illi fil-każ odjern, minkejja li l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa msejjes fuq l-apprezzament żbaljat tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni ta' dan l-aggravju in konnessjoni mat-tieni imputazzjoni. Kif ingħad, l-Avukat Ġenerali jilmenta illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tillibera lill-appellat minn din l-imputazzjoni għaliex "*fl-akkuzi ma hemmx indikat sew n-numru tal-vettura li qed jingħad kien qed isuq l-imputat. Fiċ-ċirkostanzi ma hemmx il-grad ta' provi rikjest fil-kamp kriminali*". Kif ingħad ukoll, l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'dan l-ilment, għaliex fil-fatt in-numru tal-vettura kif indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna kien wieħed korrett, hekk kif mill-provi proċesswali jirriżulta illi dan kien proprju n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni.

12. Illi madankollu, din il-Qorti tirrileva illi dan kien l-uniku aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali. Ċertament, minkejja illi din il-Qorti taqbel mal-Avukat Ġenerali in kwantu l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet illi n-numru tar-reġistrazzjoni mniżżel fl-akkużi ma kienx indikat sew, dan ma jwassalx awtomatikament għall-konklużjoni ta' ħtija fl-appellat dwar it-tieni imputazzjoni, kif donnu jippretendi l-Avukat

Ġenerali. Għalkemm l-Avukat Ġenerali jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, issib lill-appellat ħati u konsegwentement tinfliġġi piena skont il-liġi, l-Avukat Ġenerali ma qajjem l-ebda aggravju ulterjuri u ma ressaq l-ebda raġuni sabiex jindika għalfejn din il-Qorti għandha tagħmel dan. L-Artikolu 419(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi r-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih "*ir-raġunijiet tal-appell*", b'dan għalhekk illi għalkemm l-aggravju jista' jkun qasir, dan għandu jindika spjegazzjoni ċara tal-ilment tal-appellant. Din il-Qorti ma tistax tistħarreġ appelli mingħajr aggravji, jew altrimenti toqgħod tipprova teskoġita hi x'seta' ntenda l-appellant. L-appellant għandu jindika b'mod preċiż l-ilment tiegħu, u fejn qed jattakka l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti, dan irid jindika b'mod ċar fejn ma jaqbilx. Fil-każ odjern, kif ingħad, l-Avukat Ġenerali llanja biss dwar il-fatt illi l-ewwel Qorti, erronjement ikkonkludiet illi n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni, ma kienx indikat sew fiċ-ċitazzjoni, iżda ma kompliex jispjega għaliex din il-Qorti għandha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lill-appellat ħati tal-imputazzjoni, b'dan għalhekk illi din il-Qorti ma tistax ħlief tiċħad it-talba tal-Avukat Ġenerali.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali bħala irritu u null in kwantu dirett lejn l-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra l-appellat **Gianluca BORG** u mill-bqija, tiċħad l-appell tal-istess Avukat Ġenerali.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**